# Il-Ħuttafa

numru 93

lulju - awwissu 2009



bufula sewda

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf



# Ħej Ħuttaf!

editorjal

Kulħadd isemmi l-ambjent. U kemm hu importanti... U kemm irridu nibżgħu għalih, eċċetra eċċetra. Imma x'inhu sew dan l-ambjent?

Ħafifa! L-ambjent huwa post. Fid-dinja hawn ħafna postijiet, u għalhekk fid-dinja hawn ħafna ambjenti differenti. U kull ambjent differenti fih ħajja differenti, għax min iħobb ħaġa u min iħobb oħra. Min iħobb is-sħana u min iħobb il-frisk. Min irid il-beraħ u min il-kenn. Min jippreferi l-għoli u min il-baxx. Min iħobb in-nixfa u min l-umdu. Min irid l-art u min l-ilma. U nista' nibqa' sejjer hekk sa ma nimla ktieb, għax wiċċ id-dinja huwa kbir u varjat.

Kull ambjent fih il-flora u l-fawna speċjali tiegħu, u kollha [1]evolvew biex jgħixu fih. Jekk tiġri diżgrazzja u l-ambjent tagħhom jiġrilu xi ħaġa u jinbidel, jisfrattalhom kollox.

Kif jinbidel? Ħeqq, kultant ikunu diżastri tan-natura stess, per eżempju vulkan jew għargħar. Ġieli taqa' xi ħaġra kbira mill-ispazju u tagħmel ħerba, kif jgħidu li ġara meta spiċċaw id-dinożawri.

Imma ħej, ħafna drabi d-diżastri nġibuhom aħna n-nies stess, bit-tniġġis tal-arja, tal-art u tal-baħar. Qed naqtgħu wisq foresti, qed inbattlu wisq għadajjar, qed nibnu wisq xtut u qed nistadu ż-żejjed. U kuljum qed jisparixxu mid-dinja speċi ta' annimali u pjanti. Dan kollu għaliex in-nies li jmexxu l-pajjiżi jaħsbu li fid-dinja l-bniedem biss jiswa.

Malta wkoll qed titlef il-flora u l-fawna tagħha, għax hawn min hu żaqqieq u ma jimpurtahx min-natura. Imnalla jkunu għaqdiet bħall-BirdLife, li joqogħdu b'seba' għajnejn biex insalvaw in-natura li baqgħalna. Għax kieku Malta ilha li saret ġungla ta' bini.

Insomma ħbieb, gawdu s-sajf, ixorbu ħafna ilma u toqogħdux fix-xemx.

Victor

**Victor Falzon**
l-editur



Victor Falzon

Mal-faċċata



Il-BUFULA SEWDA (Sardinian Warbler *Sylvia melanocephala*) ma tiddejjaqx tgħix viċin in-nies, u spiss narawha fil-ġonna. Hija wkoll komuni, insibuha s-sena kollha u għalhekk tbejjet f'pajjiżna wkoll. Fir-ritratt jidher ir-raġel għax rasu sewda - il-mara tkun rasha griża.

Ritratt ta' Aron Tanti

[1]**evolvew** - inbidlu maż-żmien biex jadattaw dejjem aħjar għall-ambjent li jgħixu fih.



Ritratt ta' Desirée Falzon




## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-Dinja | 4 |
| Id-Durrajsa | 5 |
| L-iSkrepbuk tal-Fjuri | 5 |
| Messaġġ bil-Kulur | 6 |
| Dawk tax-Xtut | 7 |
| Attività eċċ | 8 |
| L-Ambjent Mediterranju | 9 |
| Nilagħbu Tikka | 10 |
| Gallerija | 10 |
| Ċik-ċik-Ċikada | 11 |
| Agħmel Pixxina | 11 |



**Il-kumitat ta' Klabb Ħuttaf**

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Matthew Borg Cardona • Desirée Falzon • Victor Falzon



**kuntatt**

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


**Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xaharejn noħorġu wkoll l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin iktar minn 1200 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

© Publikazzjoni BirdLife Malta, Awwissu 2009
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# Bejjet il-Qerd in-Naħal



Il-Qerd in-Naħal - għasfur tal-ħolm!

Juan Ellul Pirotta

Il-**Qerd in-Naħal** (bl-Ingliż *European Bee-eater*) trid tarah biex temmen li jeżisti - għandu l-ilwien kważi kollha tal-qawsalla, u forma vera sabiħa. Fil-pases tar-rebbiegħa u l-ħarifa spiss naraw qtajja' minnu. Imma ma konniex noħolmu li għad narawh ukoll ibejjet f'pajjiżna.

Dir-rebbiegħa, membri tal-BirdLife sabu dan l-għasfur ibejjet fl-inħawi tal-Fawwara. Il-Qerd in-Naħal ma jibnix il-bejta fis-siġar imma jħaffer ħofra mal-ġenb ta' xi munzell ramel. Fil-Fawwara bejtu żewġ pari, u sa Lulju l-frieħ kienu diġà tgħallmu jtiru, bil-ġenituri jiġru warajhom u jitimgħuhom l-insetti!

Aħna tal-Klabb ngħidu grazzi li seħibna Michael Sammut, berdwoċer prim, li nduna bil-bejtiet.



Waħda mill-ħofriet tal-bejta.

Michael Sammut

# ...u anke l-iSpanjulett!

L-i**Spanjulett** huwa l-iktar seqer komuni li naraw f'Malta waqt il-passa. Malta hija wkoll post tajjeb biex dan l-għasfur ibejjet.

Imma b'xorti ħażina l-kaċċaturi ma jħalluhx għax jisparaw ħafna fuq l-isqra. Kull darba li xi par jipprova jbejjet, il-ġenituri jinqatlu u l-bejta tisfaxxa.

Issa kif tafu s-sena l-oħra u dis-sena l-liġi ma ħallietx kaċċa fir-rebbiegħa. B'hekk l-iSpanjuletti issa għandhom iktar ċans ibejtu.

Fil-fatt is-sena l-oħra stess, membri tal-BirdLife raw xi Spanjuletti żgħażagħ, imma qatt ma sabu l-bejta, u għalhekk ma konniex ċerti.

Imma dis-sena ċertissmi! Dis-sena l-iSpanjulett bejjet żgur għax il-berdwoċers raw il-bejta f'ħofra f'irdum f'Għawdex. Mhux biss, imma rajna l-ġenituri jitimgħu lill-frieħ u jgħallmuhom itiru. Kellhom tlieta b'kollox. Xeni tal-ġenn!

L-iSpanjulett kien ilu 15-il sena ma jbejjet hawn Malta. Issa nisperaw li jkompli jbejjet kull sena.



Frieħ tal-iSpanjulett fid-daħla tal-bejta

Denis Cachia

Ritratti tal-familja Spanjuletti meħudin mit-teleskopju fis-7 Ġunju 2009



il-mamà...



il-papà...





...u tnejn mill-frieħ!

Ray Galea

mid-dinja...







# Tuvalu għandhom problema...



Tuvalu huwa grupp ta' gżejjer żgħar fl-Oċean Paċifiku, u għandhom inkwiet kbir: **jekk it-temp jibqa' jisħon, il-pajjiż ħa jisparixxi!**

Il-gżejjer ta' Tuvalu huma kollha baxxi ħafna. L-ogħla post huwa 4.5m biss għoli mill-baħar, u ħafna mill-bqija huma baxxi inqas minn metru. X'taħsbu li jiġri jekk bis-sħana jinħall is-silġ tal-Artiku u jogħla l-baħar? Jegħrqu!

Għalhekk it-Tuvaliżi jridu ħafna jgħinu biex tissolva l-problema tal-klima. Il-gvern t'hemmhekk għadu kemm wiegħed li sas-sena 2020 pajjiżu jkun KOLLU jaħdem b'enerġija nadifa!




F'Tuvalu jgħixu biss 12,000 ruħ, għalhekk il-pajjiż ma jużax ħafna enerġija. Imma din xorta hija wegħda qalbiena, għax biex jaqleb għal kollox fuq enerġija nadifa tiġi spiża mhux ħażin.

Hija wegħda li pajjiżi iktar kbar u sinjuri minn Tuvalu jmisshom jieħdu eżempju minnha.

Eżempju tajjeb ukoll għalina l-Maltin, li bħat-Tuvaliżi ngħixu fuq grupp gżejjer. S'issa Malta ma tuża XEJN enerġija nadifa, ħlief ftit ħiters tax-xemx fuq xi bjut.

# Park ġdid...





Meta jsemmu l-Afganistan is-soltu tkun aħbar kerha fuq ġlied, qtil u gwerer. Imma hawnhekk għandna aħbar sabiħa minn dal-pajjiż: f'April li għadda l-Afganistan iddikjara l-ewwel park nazzjonali tiegħu: **Band-e Amir**. Band-e Amir qiegħed fil-qalba tal-muntanji Hindu Kush, u fih ringiela ta' sitt għadajjar fondi. L-Afgani ilhom 40 sena bl-idea li dal-post jagħmluh park, imma minħabba l-inkwiet fil-pajjiż, il-park baqa' ma sarx. B'xorti ħażina minn dak iż-żmien 'l hawn Band-e Amir tilef ħafna min-natura li kellu. Per eżempju f'dawn l-inħawi kien jgħix il-Leopard Abjad, imma nqatlu kollha mill-kaċċaturi fis-snin 1980. Però xorta għad baqa' diversi annimali interessanti bħall-Ibeks, Urial (tip ta' nagħġa selvaġġa), Lupu u Volpi. Issa l-park ħa jkun protett u ħa jkollu rejnġers biex jindukrawh ħalli ma ssirx iktar ħsara fih, u min jaf xi darba l-Leopard Abjad għad jerġa' jitfaċċa hemmhekk. Il-ħolma ta' naturalisti Afgani hi li fis-snin li ġejjin il-gvern tal-pajjiż iwaqqaf parks oħrajn. Band-e Amir huwa kbir 560km², jiġifieri kważi darbtejn daqs Malta.


L-Urial jgħix fil-muntanji



Il-**Likaon** (*Lycaon pictus* - African Hunting Dog) huwa kelb selvaġġ li jgħix l-Afrika. Jgħix fi gruppi u familji kbar, li flimkien jikkaċċjaw żebri u gnu fis-savanna Afrikana. Sa mitt sena ilu kien għad hemm jgħixu man-nofs miljun likaon. Illum ma baqax iktar minn 5000 minn din l-ispeċi, u n-numru għadu nieżel, l-iktar minħabba l-kaċċa u l-qerda tal-ħabitat tiegħu. Fir-Red Data Book imniżżel bħala **ENDANGERED**.

**Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda).**

**Dinja Waħda** hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn **BirdLife Malta** u **Bank of Valletta**, il-partner tagħha fl-edukazzjoni.



# X'nista' nara tgħid?

**Jason Aloisio** jgħidilna fuq għasfur li nistgħu naraw daż-żmien tas-sena

L-istampa meħuda mill-ktieb *Għasafar Madwarna*, li qiegħed għall-bejgħ (€5) mill-BirdLife.

## id-durrajsa

Corn Bunting
*Emberiza calandra*



Sa 20 sena ilu, jew ftit iktar, id-Durrajsa kont għadek issibha tbejjet f'ħafna nħawi f'Malta u Għawdex. Kienet għadha komuni f'postijiet fil-beraħ, u fis-sajf kienet tinġabar fi qtajjiet fi nħawi fejn iżomm xi ftit ilma.

Imma b'xorti ħażina dan l-għasfur beda jonqos b'ħeffa kbira sakemm illum ma fadalx iktar minn tużżana pari fil-pajjiż kollu. Ħadd ma jaf fiċ-ċert il-għala d-Durrajsa sparixxiet. Hemm min iwaħħal fl-iżvilupp u l-istorbju fil-kampanja, oħrajn jagħtu t-tort liż-żieda fil-ġrieden u l-firien, li jieklu l-frieħ tad-Durrajsa. Parti mill-ħtija taqa' żgur fuq dawk li kienu jisirqu l-bejtiet biex irabbu l-frieħ fil-gaġeġ. Ħaġa waħda hi kważi ċerta: li d-Durrajsa wasalna biex nitilfuha bħala għasfur li jbejjet f'Malta. Nibqgħu naraw biss dawk il-ftit li jgħaddu fi żmien il-passa.

Id-Durrajsa qisha Għasfur tal-Bejt mara imma tkun ftit ikbar. Hija kannella minn fuq u bajdanija minn taħt, b'ħafna daqqiet suwed. Ir-raġel għandu għanja sempliċi u ripetittiva, li jgħanniha minn fuq siġar jew wajers tad-dawl. Il-bejta tinbena fil-baxx ħafna, ħaġa li żgur żiedet il-periklu għal dan l-għasfur. Nittamaw li dak li ġara lid-Durrajsa ma jiġrix lil għasafar oħrajn.







# Skrepbuk tal-Fjuri

kitba ta' **Jeffrey Sciberras**

## pankrazju

bl-Ingliż **Sea Daffodil**
isem xjentifiku *Pancratium maritimum*

- Pjanta [1]perenni bil-basla. Hija tip ta' narċis, fil-fatt jgħidulha wkoll Narċis il-Baħar.
- Il-weraq huwa blu fl-aħdar u jinnokkla, irqiq u jitwal sa 30ċm.
- F'Ġunju u Lulju jagħmel fjuri jfuħu bojod u kbar qishom stilel. Il-fjuri jdumu miftuħin għal xi ftit jiem, u jiftħu anke bil-lejl għax jista' jkun li jżuruhom u jdakkruhom il-baħrijiet kbar (hawkmoths).
- Jagħmel żerriegħa sewda fi blalen ħodor ċari li jiftħu fil-ħarifa.
- Jikber biss fl-[2]għaram tar-ramel fil-bajjiet ħdejn il-baħar. Pjanta indiġena, skarsa f'Malta, u rari f'Għawdex u f'Kemmuna.



Arnold Sciberras

[1] **perenni** - pjanta li tgħix iktar minn staġun wieħed
[2] **għaram tar-ramel** - munzelli tar-ramel (bl-Ingliż *sand dunes*) li jiffurmaw bir-riħ jew bil-mewġ

sensiela ġdida

# Messaġġ bil-Kulur

desirée falzon

In-natura mimlija kuluri. Imma dal-kuluri tgħid qegħdin biss biex jidhru sbieħ l-annimali u l-pjanti? Xejn minn dan! Jekk nosservaw in-natura mill-qrib, naraw li l-kuluri għandhom xogħol speċjali. Din id-darba ħa naqbdu mal-kulur..

## Aħmar

L-aħmar huwa kulur jgħajjat u mill-ewwel jiġbed l-għajn. Ħafna drabi, meta insett, għasfur jew anke frotta jkunu ħomor, qed jgħidu "Arani!", imma mhux bilfors għax iridu l-attenzjoni...



Denis Cachia

### il-gallozz iswed

Munqar il-Gallozz Iswed huwa aħmar jgħajjat. U minħabba li l-bqija tal-għasfur huwa iswed, iktar jispikka munqaru. U biex iktar jispikka, it-tarf tal-munqar huwa isfar, kulur li jaqta' ħafna mal-aħmar. Fi żmien il-bejta, meta r-raġel irid jimpressjoni lil xi mara, il-kuluri ta' munqaru jikkargaw iktar u l-aħmar kważi jkun jixgħel mill-bogħod, qisu qed jagħmel reklam li m'hawnx raġel isbaħ u iktar b'saħħtu minnu!

### l-elokata



L-Elokata hija baħrija kbira. Din tuża l-aħmar għal skop differenti mill-Gallozz. Meta tpoġġi fuq zokk tal-ballut, kulur ġwinħajha ta' fuq jagħmlu kamuflax mal-qoxra tas-siġra. Imma jekk xorta jinduna biha predatur, il-baħrija tgħolli ġwinħajha ta' fuq biex tikxef il-ġwienaħ ta' taħt, li huma ħomor bi strixxi suwed. Il-kulur jaħsad u jgerrex il-predatur - almenu hekk tipprova tagħmel il-baħrija, u ħafna drabi jirnexxielha!



Aron Tanti

### il-pitirross

Sider il-Pitirross huwa famuż għax tant jispikka. Għalkemm iktar jagħti fl-oranġjo, l-effett huwa l-istess. Minħabba li huwa [1]territorjali, il-Pitirross jagħmel ħafna ħin ikeċċi pitirrossi oħra mill-art tiegħu. Issa immaġina kemm jaħli ħin kieku jkollu jiġri wara kull pitirrossi li jersaqlu - 'qas ikollu ċans jiekol! Imma bis-saħħa ta' dak is-sider m'għandux daqshekk problema: kull ma jrid jagħmel ipoġġi fil-miftuħ u jippoppa sidru. B'hekk bla sforz ikun qed jgħid: "Rajtuni? Hawnhekk tiegħi! Tersqulix 'l hawn!"



Alex Casha

### l-għollieq

L-Għollieq huwa [2]arbuxxell ixewwek li jagħmel frott li jittiekel mill-għasafar. Il-frott ukoll juża l-aħmar biex jgħaddi messaġġ. Meta jkun għadu nej, il-frott ikun aħdar bħall-weraq, u l-għasafar ma jagħtux kasu. Imma meta ż-żerriegħa ssir, il-frott tal-Għollieq isir aħmar biex jispikka mal-aħdar tal-weraq. Għaliex? Għax ġol-frott hemm iż-żerriegħa, li ma tinbitx jekk l-ewwel ma tgħaddix minn stonku ta' għasfur. Il-pjanta ma jaqblilhiex li l-frott tagħha jittiekel meta għadu nej, għax iż-żerriegħa ma tkunx għadha iffurmata sew. Meta tkun lesta biss toħroġ ir-riklam! Tajba hux?

[1]**territorjali** - annimal li jkollu erja li jiddefendiha kontra annimali oħra tal-istess speċi
[2]**arbuxxell** - pjanta li ssir siġra żgħira folta b'ħafna friegħi, bl-Ingliż *bush* jew *shrub*.





# Dawk tax-Xtut...

Mhux l-għasafar kollha jgħixu fis-siġar. Hemm minnhom iħobbu l-beraħ, u fost dawn insibu l-għasafar tax-xtut. Fid-dinja jeżistu mijiet ta' speċi ta' għasafar tax-xtut. Dawn jgħaddu ħajjithom iħufu f'xatt il-baħar jew xatt l-għadajjar ifittxu dud, ħniex, insetti u ħut żgħir mit-tajn jew mill-ilma baxx. Malta wkoll naraw numru sabiħ ta' għasafar tax-xtut. Hawnhekk ġibnielkom seba' speċi li jżuruna kull sena, waħda minnhom tbejjet ukoll. Postijiet tajbin biex tara l-għasafar tax-xtut huma r-riservi naturali tal- Għadira u s-Simar, u anke s-Salina.
















F'Malta s'issa dehru xi 50 speċi ta' għasafar tax-xtut, uħud minnhom rari ħafna.










Ritratti Pispisella, Pispisella tad-Dabra, Pispisella Ħamra u Tertuxa - ta' Denis Cachia Ċewċewwa u Fras-Servjent - ta' Victor Falzon

# Earth Day 2009

Mejju



Kathleen Mamo

Membru ġdid tal-Klabb tikteb isimha fuq iċ-ċart speċjali.



Kathleen Mamo

Ħuttafa, il-maskot ta' Klabb Ħuttaf, ma' żewġt iħbieb...



**F'Dinja Waħda dis-sena ħadu sehem 90 skola primarja, li huwa rekord. Klabb Ħuttaf jgħid grazzi lil Bank of Valletta, il-partners tal-BirdLife fl-edukazzjoni.**




# Ċief u Ċafċif

owkej!



Aron Tanti

Waħda mil-laneċ, biċ-ċief itir madwarha.

Il-ħarġa fuq il-baħar għaċ-ċief saret b'suċċess. Kif jafu dawk li attendew, l-ewwel data kellha nħassruha għax l-baħar kien imqalleb wisq. Flok saret fil-11 Lulju, saret fil-25 Lulju - u għal ftit ma tħassritx ukoll, għax il-baħar reġa' kien imċafċaf! Imma b'xorti tajba l-baħar ma baqax jitqawwa u għamilnieha. Ħadna gost għax rajna mijiet u anke eluf ta' ċief. Kif taraw mir-ritratt, bdew anke jtiru madwarna, u min kellu kamera tgħidx kemm ħa ritratti. Dil-ħarġa għaċ-ċief li nagħmlu kull sena hija popolari immens u dejjem jiġu iktar minn 100 ruħ! Tant hu hekk li kull darba qed ikollna nużaw żewġ laneċ, għax waħda ma tesagħniex!

Grazzi ħafna lil-Leaders tal-Klabb li għenu biex l-attività ssir b'suċċess.

**Qtajja' ta' mijiet ta' ċief itiru fuq il-baħar. Fuq il-lemin tidher parti mis-sisien ta' Ta' Ċenċ, fejn iċ-ċief għandu l-bejtiet.**



Aron Tanti



merlin library
the name in publishing and bookselling since 1964
An unbelievable range of books to suit all tastes at the best prices
www.merlinlibrary.com
mail@merlinlibrary.com
merlin library
Mountbatten Str. Blata l-Bajda HMR 1575
T: 21 234438
21 221205
F: 21 221135





ambjenti differenti



Victor Falzon

Harsa lejn l-ambjent li ngħixu fih aħna stess...

# l-ambjent Mediterranju

Elisabeth Conrad

Minkejja l-isem, dat-tip ta' ambjent ma jinstabx biss fil-Mediterran. Hemm erba' nħawi oħra fid-dinja li għandhom klima u ambjent jixbħu ħafna dik tal-Mediterran (ara l-mappa).

Dan l-ambjent jgħidulu wkoll **chaparral** (f'California), **foresta** (jew **makkja**) **Mediterranja**, **fynbos** (fl-Afrika t'Isfel) u **matorral** (fiċ-Ċile).

Kif nafu lkoll għax ngħixu fiha, il-klima ta' dan it-tip ta' ambjent għandha sajf twil u niexef, xitwa friska bix-xita u temperaturi moderati.

## flora sinjura

Il-pjanti u l-annimali li jgħixu fil-klima Mediterranja huma adattati għas-sħana qalila u n-nixfa tas-sajf. Xi pjanti għandhom weraq żgħir b'kisja qisha xama' biex ma jitilfux l-ilma, bħalma huma ż-**żebbuġ**, il-**ħarrub u** r-**rand**. Oħrajn għandhom għeruq fondi jew mifruxin biex ifittxu l-ilma aħjar. Ħafna mill-pjanti tipiċi ta' dan l-ambjent huma arbuxxelli bħad-**deru** u r-**riħan**

L-ambjent Mediterranju huwa sinjur ħafna: għalkemm jiksi biss 2% ta' wiċċ id-dinja, jgħixu fih iktar minn 20% tal-pjanti kollha tad-dinja, u ħafna minnhom huma [1]endemiċi.

## fawna varjata

Insibu wkoll varjetà kbira ta' annimali, fosthom iktar minn 500 speċi ta' għasafar fil-Mediterran, u anke ħafna mammiferi, rettili, amfibji, insetti u ħut, ħafna minnhom endemiċi wkoll.

Annimal ieħor li sab il-klima Mediterranja komda kien... il-bniedem! Il-bniedem ilu jgħix fil-Mediterran 8000 sena. Prova ta' dan huma ċ-ċiviltajiet tal-Eġizzjani, tal-Griegi u tar-Rumani. Dawn kollha fil-Mediterran żviluppaw!

## problemi weħidna

Il-problema hi li fejn jiġi l-bniedem iġib miegħu ħafna theddid għall-ambjent. Per eżempju fil-passat id-dawra tal-Mediterran kienet miksija foresti tal-**ballut** u taż-**żnuber**. Imma ftit ftit dawn inqatgħu kważi kollha u llum ftit li xejn baqa' foresti. Il-bniedem ġab miegħu wkoll annimali li jirgħu, bħall-mogħoż, li wkoll biddlu l-ambjent naturali. Illum-il ġurnata, l-ambjent Mediterranju hu mhedded minn diversi affarijiet: il-firxa tal-bini u tal-biedja, id-dħul ta' speċi [2]aljeni (li jieħdu post speċi indiġeni), it-tniġġis, eċċ.

Periklu ieħor huma n-nirien. Dawn mhumiex bilfors ħaġa ħażina - fil-fatt hawn pjanti jiddependu min-nar biex ixerrdu ż-żerriegħa. In-nar huwa ħaġa naturali f'postijiet bi klima Mediterranja. Il-periklu jseħħ meta dawn jinfirxu bla kontroll. Kull sajf nisimgħu aħbarijiet ta' nirien f'California, fil-Greċja, fi Spanja eċċ.

Aħna l-Maltin veru xxurtjati li ngħixu f'ambjent tant uniku u sinjur. L-għaqda Conservation International tqis il-Mediterran bħala Biodiversity Hotspot, jiġifieri wieħed mill-iktar postijiet fid-dinja importanti għall-[3]biodiversità. Imma fl-istess ħin tqisu wkoll bħala wieħed mill-iktar reġjuni mhedda. Għalhekk hemm bżonn kull sforz biex insalvawh.



Il-Linċa ta' Spanja hija endemika għall-Mediterran.

## Fejn huwa l-Ambjent Mediterranju?







[1]**endemiċi** - speċi li ssibhom biss f'post wieħed u mkien iktar
[2]**aljeni** - speċi li ddaħħlu minn x'imkien ieħor
[3]**biodiversità** - il-varjetà tal-ħajja



## nilagħbu tikka

ma' Janet u Amy Gerardi

Hares sew lejn dawn iż-żewġ friefet. Jidhru l-istess hux! Imma jekk tifli-hom sew għandek issib **12-il differenza** fihom.








## gallerija

**Ibagħtulna tpinġijiet u ritratti li tieħdu. Basta jkunu tan-natura.**



**brajmla tat-toppu**
adin vella 14



**fras-servjent**
ayrton hayman 10



**għasfur ta' san martin**
jamie pace bonello 7



**ajkla**
nicholas abela 12



**persikarja tal-baħrija**
chaanah muscat 13



**ħippopotamu**
gabrielle cachia 9



**pitirross**
nicholas muscat 10



**qanfud** gareth craig darmanin 8



**tiġieġa tal-baħar**
neville cauchi 10







Guido Bonett

# Ċik-ċik-Ċikada!

Is-sajf l-istaġun taċ-ċikada!

Iċ-ċikada bilfors smajtuha - anzi jekk qed taqraw din bi nhar jista' jkun li issa stess hemm ċikada barra qed tgħanni u ġġenġillek widnejk x'imkien viċin!

Iċ-ċikada għandha tisfira qawwija ħafna. Fil-fatt għandha r-rekord tal-iktar insett storbjuż fid-dinja!

Iċ-ċikada hija insett. Mad-daqqa t'għajn, iċ-ċikada qisha dubbiena enormi, imma fil-fatt m'għandha x'taqsam xejn mad-dubbien, u iktar hija tip ta' ħanfusa. Għandha ġwienaħ twal, sbieħ u trasparenti bil-vini qishom bizzilla.

Iċ-ċikada tagħmel ħafna minn ħajjitha fil-fosdqa taħt il-ħamrija - kultant iddum is-snin moħbija hemm taħt! Imbagħad toħroġ u tagħmel sajf tkanta biex tfittex tiżżewweġ, tbid... u tmut!

Iċ-ċikada jgħidulha wkoll Żarżur, Werżieq ta' Bi Nhar u Għażżiela.

# Agħmlu pixxina!

Fis-sajf kulħadd jaqbdu l-għatx, u tajjeb niftakru fi sħabna l-annimali li bħal daż-żmien anke huma jinxfulhom griżmejhom! Jekk għandna ġnien jew ġardina, nistgħu ngħinuhom ma jmutux bl-għatx.

Kull ma rridu reċipjent żgħir u ġebla. Ir-reċipjent jista' jkun wieħed minn dawk it-trejs tal-plastik li ħafna ħaxix daż-żmien jinxtara fih. Naturalment ma jridx ikollu toqob fil-qiegħ!

Agħmlu ħofra fil-ħamrija, deffsu t-trej fiha, ressqu l-ħamrija mal-ġnub tat-trej kif taraw fir-ritratt, u imlewha bl-ilma. Sibu ġebla u qegħduha fl-ilma mal-ġenb tar-reċipjent b'mod li tkun tixref minn wiċċ l-ilma. Din importanti biex jekk jaqa' annimal żgħir bħal gremxula jew insett li ma jtirx, dan ikun jista' jiggranfa mal-ġebla u jerġa' jitla' mill-ilma, inkella jegħreq.

Dak kollox. Oqogħdu gawdu l-gremxul, l-għasafar u ż-żnażan ġejjin jixorbu. Kultant żiduha ftit inkella jevapora l-ilma.




Desireee Falzon




Victor Falzon

# BOV Young Savers Account




## aħna ngħinuk **tfaddal**

Faddal il-flus li taqla' permezz tal-**BOV Young Savers Account** u gawdi minn:

- **Karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont**
- **Rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'.**

www.bov.com customercare@bov.com 2131 2020

BOV
Bank of Valletta
*Impenn lejn is-Suċċess tiegħek*

BOV 24219

*Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58 Triq Żakkarija, Valletta VLT 1130 - Malta*